**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs.**

**Fabrizio Carucci**

Numru 80/2018

Illum 30 ta' Jannar 2018

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Fabrizio Carucci**, ta' hamsin (50) sena, imwieled l-Italja, nhar id-9 ta' Marzu 1967, bin Antonio u Lucia neé Adesso u residenti Casa Papa Francesco, Triq Fleur De Lys, Birkirkara, detentur tal-Karta ta' l-Identita bin-Numru AO6760275

akkuzat talli fit-28 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu (10.30hrs) minn gewwa Triq Dun Filippu, Borg, Birkirkara u/ jew f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin

1. bil-hsieb li jikkommetti delitt ta' serq aggravat bil-valur li huwa izjed minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-lok, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, u dan ghad-dannu tal-familja Portelli;

2. ikkommetta serq ta' *wallet* minn go residenza ghad-dannu ta' Alice A. Portelli, liema serq huwa aggravat bil-lok;

3. ikkommetta reat waqt li kien taht sentenza sospiza, liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati Maltin preseduta mill-Magistrat Dr. G. Vella nhar it-22 ta' Novembru 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-*conditional discharge* taht l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f'Malta fit-28 ta' Novembru 2017 mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D..

Il-Qorti, giet mitluba li titratta lill-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta hu kien gie misjub hati u kkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "ET 1" – *a fol.* 6).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputat, l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 4).

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu f'dawn il-proceduri, il-fedina penali tal-imputat (Dok. "ET 3" – *a fol.* 8), il-fatt l-imputat kkommetta r-reati addebitati lilu waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, il-fatt li l-imputat kiser *conditional discharge* u kif ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija kostretta li taghti sentenza ta' prigunerija effettiva fil-konfront tal-imputat, b'dan illi l-Qorti ser iggib fis-sehh is-sentenza ta' prigunerija sospiza li ssir riferenza ghaliha fit-tielet (3) imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 28B(1), 41(1)(a), 49, 50, 261(c), 261(e), 267, 269(g), u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat Fabrizio Carucci hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u filwaqt li ggib fis-sehh is-sentenza ta' ghaxar (10) xhur prigunerija li kienet giet sospiza ghall-perjodu ta' sena, tikkundanna lill-imputat ghal perijodu iehor ta' erbatax (14)-il xahar prigunerija, biex b'hekk l-imputat ikun gie globalment ikkundannat ghal perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar prigunerija.

Finalment, il-Qorti taghmel rakkomandazzjoni espressa lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex minhabba l-problema ta' droga li ghandu l-imputat, l-istess imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex ikun jista' jibda, isegwi u jispicca program

ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Ghal dan il-ghan, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**